MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2003

Appell Civili Numru. 1012/1999/1

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera Avon Insurance P.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Goran Kovacevic abbazi tal- polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Goran Kovacevic**

**vs**

**Paul Tabone**

**Il-Qorti,**

Fid-15 ta' Frar, 2002 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-atturi talbu il-kundanna tal-konvenut previa kull dikjarazzjoni ta’ responsabbilita skond il-Ligi sabiex jhallas is-somma komplessiva ta’ sitt mija u hmistax-il Liri Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm615.72) in kwantu ghal erba’ mija u hamsa u sittin Lira Maltin u tnejn u sebghin centezmi (Lm465.72),
jew ammont ohra verjuri lis-socjeta attrici Fogg Insurance Agencies Limited, somma rapprezentanti d-danni sofferti mill-attur assigurat tas-socjeta Fogg Insurance Agencies Limited, Goran Kovacevic, u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u in kwantu ghal hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25.00) lill-attur Goran Kovacevic ammont rapprezentanti d-danni lilu kagunat bhala rizultat ta’ telf ta’ uzu tal-vettura tieghu, piu’ mija u hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm125.00) ammont rapprezentanti excess payment, li ma kinux koperti mill-polza ta’ assikurazzjoni, liema danni gew sofferti bhala rizultat ta’ l-incident awtomobilistiku li sehh fil-28 ta’ Ottubru 1998 ghall-habta ta’ 3.00 p.m. gewwa Nazju Ellul Street, kantuniera ma’ Turu Rizzo Street, Gzira, bejn il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni TFB 133, propjeta ta’ l-attur Goran Kovacevic u misjuqa minnhu stess, u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta’ registrazzjoni IAD 224, liema incident sehh unikament bhala rizultat tat-traskuragni, negligenza, imperizja u non – osservanza tar-regolamenti tat-trafffiku da parti tieghu.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra gudizzjarja ta’ 4 ta’ Mejju 1999, u dawk ta’ l- ittra gudizzjarja li qed tintbaghat kontestwalment mal-att tal-avviz lis-socjeta Atlas Insurance Agency Limited bhala agenti, tas-socjeta estera Guardian Royal Exchange, u interessi legali mid-data tan-notifika ta l-imsemmija ittra gudizzjarja ta’ 4 ta’ Mejju 1999 sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni..

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Paul Tabone fejn eccepixxa illi:

1 L-eccipjenti ma huwiex responsabbli ta’ l-incident tat-traffiku kif imsemmi fl-avviz tac-citazzjoni;

2 Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju l-ammont mitlub ma huwiex dovut billi huwa ferm in eccess ta’ dak li kien hemm attwalment bhala hsara fil-vettura tal-imsemmi Goran Kovacevic;

3 B’riserva ta’ eccezzjonijiet ohra u ta’ l-azzjoni li tispetta lill-eccepjenti kontra l-imsemmi Goran Kovacevic ghad-danni li sofra l-istess eccepjenti.

Rat in-nota tal-atturi pprezentata fit-18 t’Ottubru 1999.

Rat in-nota tal-konvenut pprezentata fit-28 t’Ottubru 1999.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi ghal dak li jirrigwarda r-responsabbilta ghal kollizzjoni in kwistjoni ma tirrizultax divergenza bejn il-verzjonijiet moghtija miz-zewg sewwieqa involuti u cioe’ mill-attur Goran Kovacevic u mill-konvenut Paul Tabone.

Jirrizulta illi l-kollizzjoni grat go Turu Rizzo Street, Gzira u grat billi waqt illi l-attur Goran Kovacevic kien qieghed issuq go Turu Rizzo Street minn Nazzju Ellul Street, dahal il-konvenut u mblokkalhu l-karreggjata.

Li kien il-konvenut li mblokka l-karreggjata ta’ l-attur Goran Kovacevic jirrizulta mhux biss mid-deposizzjoni tal-istess attur imma anke mill-isketch esibit mill-ufficjal li investiga l-kaz kif ukoll mid-deposizzjoni tal-istess konvenut. Infatti mid-deposizzjoni tieghu tal-1 ta’ Novembru 2001 il-konvenut Paul Tabone jammetti illi kif dahal go Turu Rizzo Street induna li ma kienx hemm spazzju bizzejjed biex setghu jghaddu zewg vetturi minn hdejn xulxin u sosstna li waqaf u ppretenda illi l-attur jiehu azzjoni evaziva fil-pront biex jevitah.

Apparti l-fatt li ma jirrizultax illi l-attur setgha jiehu xi azzjoni evaziva jirrizulta li kien obbligu tal-konvenut illi qabel ma huwa jidhol go Turu Rizzo Street u jostakola l-karreggjata tat-traffiku li kien qed issuq f'dik it-triq,.huwa kien obbligat illi qabel xejn jesplora l-istess triq u jara jekk setghax jidhol go din it-triq qabel ma effettivament jghamel dik il-manuvra.

Il-konvenut jipprova jezonera ruhu billi jghid illi l-attur kellhu zmien bizzejjed biex jinduna bih u jevitah imma ghal xi raguni dan baqa' miexi bl-istess velocita u baqa' diehel go fih.

Ghalkemm din il-verzjoni hija kontradetta mill-istess attur li jsosstni illi l-konvenut bid-daqqa li tah mexxieh lura, ma jirrizulta ebda indizzju biex jikkorrobora l-verzjoni tal-konvenut.

Ghaldaqstant issib illi l-konvenut huwa unikament responsabbli ghal din il-kollizzjoni u ghalhekk jrid jghamel tajjeb ghad-danni kollha illi gew ikkawzati f'dan l-incident.

Dwar id-danni ghalkemm l-atturi issostnu illi dawn jammontaw ghas-somma totali ta' Lm615.72 ( sitt mija u hmistax il-lira Maltin u tnejn u sebghajn centezmi) mid-dokumenti esibiti u anke mid-deposizzjoni stess ta' Anthony Savona u ta' Francis Paul Ebejer rapprezentant tal-kumpanija assikuratrici jirrizulta illi d-danni totali li nefqet il-kumpanija biex gew reparati l-hsarat kollha fil-vettira tal-attur kienu jammontaw ghas-somma totali Lm465.72 (erba' mija u hamsa u sittin lira Maltin u tnejn u sebaghjn centezmi).

Filwaqt illi l-attur Goran Kovacevic hallas Lm25 (hamsa u ghoxrin lira Maltin) ghal kiri ta' vettura sostitutiva sakemm saru r-reparrazzjonijiet. Ma jirrizultax illi kien hemm xi somma ohra ta' Lm125 (mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin) illi thalset direttament mill-attur Goran Kovacevic biex jahamel tajjeb ghal xi danni ohra li m'humiex inkluzi fil-kontijiet ammontanti ghas-somma ta' Lm465.72 (erba'

mija u hamsa u sittin lira Maltin u tnejn u sebaghjn centezmi).

Ghaldaqstant il-Qorti tillikwida d-danni totali li sofrew l-atturi fis-somma komplessiva ta’ Lm490.72 (erba mija u disghajn lira Maltin u tnejn u sebghajn centezmi).

Ghaldaqstant filwaqt li tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizzjoni qieghdha tikkundannah sabiex jhallas lill-atturi is-somma ta’ Lm490.72 (erba mija u disghajn lira Maltin u tnejn u sebghajn centezmi) bl-imghaxijiet legali b’effett mill-2 ta’ Lulju 1999 bl-ispejjez jithallas ghal quantu ghal quint (1/5) mill-atturi u erba’ quinti (4/5) mill-konvenut.”

Il-konvenut appella minn din is-sentenza bl-aggravji mfassla f’dawn it-termini:-

i. L-analisi u l-apprezzament tal-fatti ghal dik li hi responsabilita’ ma kenitx wahda preciza u kompleta;
ii. Il-hsarat reklamati huma eccessivi;
iii. L-imghaxijiet fuq l-ammont tad-danni kellhom jiddekorru mill-jum tas-sentenza finali u mhux mid-data tar-reklam taghhom.

Jinghad qabel xejn illi, kif jinsab akkolt fil-gurisprudenza taghna, min jallega li sofra hsara bi htija ta’ haddiehor, “*e’ nell’obbligo di provare un fatto od una omissione che porti insita la prova della colpa che egli imputa all’altro perche` la colpa deve assumare una forma materiale e specifica quando viene imputata ad altri come causa di danno*” – “**Ingegnere Frank Calafato –vs- Carmelo Grech**”, Appell Civili, 23 ta’ Novembru 1921, a Vol XXIV pI p893.

Apparti inferenzi li jistghu jingibdu mill-fatti nfushom konstatati wara l-habta, u rekordjati bhala “res gestae” fl-iskizz u fir-rapport tal-Pulizija li nvestiga l-incident, il-provi tal-fatti sostanzjalment huma dawk li jirrizultaw mix-xhieda taz-zewg sewwieqa nvoluti.

Ghab bazi ta’ dawk il-provi din il-Qorti hi sodisfatta, bhal l-ewwel Qorti, illi ghall-kollizzjoni jahti l-konvenut appellant.

Il-Qorti tagmel dawn l-osservazzjonijiet:-

1. Is-sewwieq Kovacevic (fol 7) jghid li kien ghaddej minn Triq Turu Rizzo, irrallenta l-ispeed tieghu, ghax ried idur ghal Triq Nazju Ellul. Kif wasal fl-inkorcju giet il-vettura tal-konvenut bi speed eccessiv u fuq in-naha tieghu tat-triq. Kif mistqarr minnu, "*I had absolutely no time, space or opportunity to avoid the collision*".

2. Il-verzjoni tal-konvenut tikkuntrasta ma' din mhux dwar it-topografija fejn sehhet il-habta izda dwar l-aspett illi, ghalkemm inonda t-triq minn fejn gej id-driver l-iehor u konsapevoli ukoll mill-fatt illi ma kienx hemm spazju bizzejjed biex zewg vetturi jghaddu minn hdejn xulxin, huwa waqaf u l-iehor baqa' diehel fih.

3. Il-konvenut jappilja mal-iskuzanti illi d-driver l-iehor x'aktarx kellu x-xemx f'ghajnejh u ghalhekk ma ntebahx bih. Fit-tieni deposizzjoni tieghu fl-udjenza ta' l-1 ta' Novembru 2001 (fol 62), dak li ma semmiex fl-ewwel xhieda tieghu (fol 16), izid jghid li wara l-incident id-driver Kovacevic kien esklama li lilu ma kienx rah.

4. Jirrizulta wkoll illi fl-ewwel okkazjoni, fejn xehed fl-udjenza tal-5 ta' Ottubru 2000 huwa semma li hu kien "dead slow"; fit-tieni deposizzjoni invece jghid li kien wieqaf. U ghamel dan biex l-iehor ikun jista' jiehu azzjoni wkoll.

Il-Qorti hi konvinta li l-versjoni tal-appellanti ma hijiex attendibbli. Jekk flimkien ma' l-inferenzi li wiehed jiehu mill-verzjoni tieghu ghal dik li hi verosomiljanza, tizdied ic-cirkostanzi tal-lok fejn sehh l-incident, tidher il-htiega tal-prudenza li kien obbligat li juza l-appellant kemm ghal dak li hu 'speed' kif ukoll ghal mod kif dahal fit-triq min fejn kienet gejja l-vettura l-ohra. Anke kieku kellu jigi accettat dak minnhu sostenut, jigifieri li kien wieqaf, il-mod kif waqaf, u fejn waqaf, certament holoq ostakolu inaspettat u li ssorprenda lid-driver l-iehor. Kif gja rilevat pero' l-Qorti ssibha difficli taccetta l-versjoni tal-konvenut li hu kien wieqaf qabel l-impatt. Il-manuvra tieghu ghalhekk tibqa'

wahda imprudenti anke ghaliex il-Qorti ma tistax taccetta, b'leggerezza, l-addebitu sottomess minnu illi d-driver l-iehor kellu x-xemx f'ghajnejh.

Ghalhekk fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi dan l-aggravju dwar li l-htija li tat lok ghall-incident ma kenitx tieghu, ma jistax jigi accettat.

Dwar il-kwantum, hu principju li "*in tema ta' kompensazzjoni ta' danni l-attur ghandu kemm jista' jkun jigi mqieghed fil-posizzjoni li hu kien ikollu kieku ma gietx kagjonata l-hsara*" ("**John Tufigno –vs- Joseph Micallef noe**", Appell Civili, 23 ta' April 1965).

Jekk id-danneggjat ghandu d-dmir li jaghmel dak kollu li hu ragjonevoli biex inaqqas il-hsara u li jiehu l-mizuri kollha biex jimmitiga t-telf li jkun garrab daqstant iehor mhuwiex obbligat li jitghabba b'pizijiet biex jirreduci l-hsara.

"*Il-kwestjoni ta' x'inhu ragjonevoli li jaghmel id-danneggjat biex jimmitiga l-hsara hi kwestjoni ta' fatt li ghandha tigi konsidrata fic-cirkostanzi ta' kull kaz partikolari u l-oneru tal-prova f'dan ir-rigward specifiku jaqa' fuq il-konvenut*" – "**Joseph Aquilina –vs- Emmanuele Schembri**", Appell Civili, 24 ta' Jannar, 1969.

Fil-kaz in ezami l-appellant illimita ruhu biex jiggeneralizza fuq il-materja minghajr ma ressaq prova wahda konvincenti li kapaci tiskossa l-prova tal-ammont tad-danni reklamati.

Fuq l-aggravju ta' l-interessi u d-dekorriment taghhom il-Qorti tinnota li fil-korp ta' l-avviz l-atturi talbu somma determinata u specifika. Jirrizulta li l-atturi nterpellaw gudizzjarjament lill-konvenut ghall-hlas taghha in sodisfazzjoni tad-danni pretizi. Dan jibbasta biex l-ammont reklamat jibda jattratta l-interessi ("**O'Connor –vs- Bruno Olivier**" a Vol XVI pI p84). Il-fatt li l-Qorti rreduciet l-ammont ma jfisserx li l-interessi ma jibdewx ukoll jghaddu minn dakinhar tar-rikjam tas-somma, issa ridotta. Il-Qorti hawn ma llikwidat l-ebda ammont li kapaci

tiggustifika lill-konvenut jappilja mal-massima “in illiquidis non fit mora”. Kienet ghalhekk ghal kollox korretta l-ewwel Qorti meta pprovdiet li l-imghaxijiet legali jibdew jghaddu minn Lulju 1999. Ghall-precizazzjoni d-data ghandha tkun it-12 ta’ Lulju 1999 (data tan-notifika tal-avviz) u mhux it-2 ta’ Lulju 1999 (data tal-introduzzjoni tal-att).

Ghal dawn il-motivi, l-appell interpost qed jigi rigettat u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez ta’ din l-istanza a kariku tal-konvenut appellant. Dawk tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------